## 6 ta' Ottubru, 1959

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Avukat Dottor Ettore Lucia ne.

*versus*

Avukat Dottor Gaudenzio Borg et. ne.

**Ġurisdizzjoni — Formoli Stampati — Kopja Kummissjoni — Bejgħ — Riżoluzzjoni — Ċitazzjoni — Irritwalità — Art. 1435 u 1436 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hu validu l-patt, u obligatorju, li in forza tiegħu, f'każ ta' kontroversja derivanti minn kuntratt, jiġi adit tribunal determinat b'esklużjoni ta' kull wieħed ieħor, anki ta' dak leġittimu skond il-kompetenza territorjali; però dan hu patt li jrid jirriżulta soddisfaċentement pruvat. U din il-prova ma tintlaħaqx billi tiġi eżibita formola ta' fattura tad-ditta estera jew kopja-kummissjoni rigwardanti l-merkanzija fil-kwistjoni. Għax il-kopja tal-fattura ma tippruvax ħaġa oħra ħlief li d-ditta estera hija solita tistipula dak il-patt, u ma tippruvax li dak il-patt ġie stipulat fil-każ in ispeċje; u kwantu għall-kopja-kummissjoni, lanqas din ma tipprova soddisfaċentement dan il-patt, jekk m'ċ-ċirkustanzi tal-każ jidher li l-istess ma ġiex inkluż fil-ftehim.*

*Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-konsenja fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej f'sta' jitlob, kif jagħżel hu, jew il-ħall tal-kuntratt jew li hu jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħwejjeġ mibjugħa, kemm il-darba d-dewmien ikun ġie kaġunat mill-bejjiegħ stess. Imma r-riżoluzzjoni tal-kuntratt trid tiġi pronunzjata mit-tribunal; għaldaqstant, jekk id-ditta estera tonqos li tibgħat il-merkanzija fiż-żmien stipulat, u x-xerrej jagħżel li jiġi riżolut il-bejgħ, huwa għandu jippremetti talba biex jiġi dikjarat riżolut il-kuntratt tal-bejgħ, qabel id-domanda tiegħu għad-danni. Diversament, iċ-ċitazzjoni tkun irritwali.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi għamel ordni lid-ditta konvenuta ta' merkanzija konsistenti f'pupi u oġġetti oħra li tilħaq għas-somma ta' £190, oltre l-ispejjeż li jitilgħu għal

madwar £8 b'kollox, kwindi £198; u illi dik l-ordni, li ġiet mogħtija fit-12 ta' Awissu 1958, kellha tkun lesta għall-15 ta' Settembru 1958 biex tiġi mbarkata fuq l-ewwel bastiment li kellu jitlaq minn Napli għal Malta wara dik id-data, u dan skond il-ftehim bejn il-kontendenti; u illi d-ditta konvenuta naqset milli tibgħatlu fiż-żmien konvenut l-istess merkanzija u b'hekk hu sofra danni; talab għaldaqstant li d-ditta konvenuta tiġi kundannata tħallas lilu s-somma ta' £57, jew somma oħra verjuri li tiġi stabbilita, okkorrendo anki per mezz ta' periti, lilu dovuta għall-imsemmija danni u nuqqas ta' profitti minnu sofferti. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-31 ta' Ottubru 1958;

*Omissis;*

Tikkunsidra l-ewwelnett, dwar l-eċċezzjoni ta' difett ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Illi huwa indubitat li hu validu u obligatorju l-patt li in forza tiegħu f'każ ta' kontroversja derivanti minn kuntratt, jiġi adit tribunal determinat b'esklużjoni ta' kull wieħed ieħor, anki ta' dak leġittimu skond il-kompetenza territorjali; però ma jirriżultax soddisfaċentement pruvat li fil-każ in ispeċje ġie stipulat dak il-patt. Id-ditta konvenuta tippretendi li tista' tippruvah bil-produzzjoni ta' żewġ dokumenti, wieħed konsistenti f'formola ta' fattura tal-istess ditta, u l-ieħor fil-"copia commissione" rigwardanti l-merkanzija fuq riferita; però, riferibbilment għall-ewwel dokument, dan ma jippruvax ħaġ'oħra ħlief li d-ditta konvenuta hi solita tistipula dak il-patt, imma ċertament mhux li ġie stipulat fil-każ in ispeċje, lil liema każ il-fattura ma tirrigwardax; u riferibbilment għat-tieni dokument, lanqas dan ma jipprova soddisfaċentement l-istipulazzjoni tal-patt, billi mid-depożizzjoni tal-attur jirriżulta biżżejjed tajjeb li dak il-patt ma ssemmiex meta hu kien qiegħed jagħmel l-ordinazzjoni, u jirriżulta biss mill-parti stampata ta' dak id-dokument, li hu formola ta' kopja kummissjoni, lanqas biss esklużivament użata mid-ditta konvenuta, li fuqha ġew imniżżlin, wara li ġie konkluż il-ftehim, biss l-oġġetti u l-kwantitajiet ordnati u l-prezzijiet

relattivi; u dak id-dokument lanqas ma ġie firmat mill-attur; u kwindi, taħt iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiswa biex jorbot lill-attur bi ftehim ta' tant importanza bħal dak li bih jirrinunzja għall-ġurisdizzjoni tat-tribunal tiegħu naturali — kondizzjoni li għaliha lanqas biss ma sar aċċenn meta kienu qegħdin jiġu mifthema l-kondizzjonijiet l-oħra tal-ordni minnu mogħtija lid-ditta konvenuta;

Din l-eċċezzjoni, kwindi, fiċ-ċirkustanzi tal-każ mhix sostenibbli, u qegħdha tiġi respinta; bl-ispejjeż;

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni tal-irritwalità tat-talba;

Illi l-attur mhux qiegħed jitlob danni u nteressi talli l-merkanzija ma ġietx spedita fiż-żmien stipulat, għaliex b'ritard, imma talli l-ordinazzjoni ma ġietx mibgħuta. Issa, skond il-liġi, jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-konsenja fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, li l-kuntratt jiġi maħlul jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħwejjeġ mibjugħa, iżda dan kemm il-darba d-dewmien ikun ġie kaġunat mil-bejjiegħ stess (art. 1435 Kodiċi Ċivili). U fil-każijiet kollha l-bejjiegħ għandu jiġi kundannat għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ikun bata ħsara bin-nuqqas tal-kunsinna tal-ħaġa fiż-żmien miftiehem (art. 1436 Kodiċi ċitat.) Kwindi l-attur, li ma għażelx l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, imissu talab ir-riżoluzzjoni tiegħu, għaliex din għandha tiġi pronunzjata mit-tribunal; u għalhekk ġa ladarba hu ma ppremettiex din it-talba għat-talba li fformula għar-riżarċiment tad-danni, din it-talba hi irritwali, u kwindi ma hemmx lok għall-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra;

U kwindi tillibera lill-konvenuti nomine mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.